MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 1825/2001/2

Boris u Carina konjuġi **ARCIDIACONO**

vs

Salvu **SCHEMBRI** u ċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Ippjanar u b'degriet tas-27 ta' Settembru, 2002, ġie kjamat in kawża l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Settembru, 2013, li bih l-atturi appellati miżżewġin Arcidiacono (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-rikorrenti") talbu li, għar-raġunijiet minnhom dettaljatament imfissra, din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fit-28 ta' Ġunju, 2013, u terġa' tisma' l-appell għall-finijiet tal-artikoli 811(e) u 811(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimat appellant *Chairman* tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Awtorita' appellanti") fl-10 ta' Ottubru, 2013, li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin, laqgħet billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti ritrattandi biex tħassar is-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2013, u biex terġa' tisma' mill-ġdid l-appell imressaq minnha;

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimat appellant Salvu Schembri (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant") fl-14 ta' Novembru, 2013, li biha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi billi qal li fl-għoti tas-sentenza attakkata ma ġara l-ebda waħda miż-żewġ kawżali msemmijin minnhom u għalhekk ma hemmx raġunijiet tajbin għaliex l-istess talbiet jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta’ Marzu, 2014[1] li fih l-għaref difensur tar-rikorrenti talab ir-rikuża ta’ tnejn mit-tliet imħallfin li kienu qegħdin jippresjiedu s-smigħ u d-degriet mogħti minn din il-Qorti waqt dak is-smigħ li biha laqgħet it-talba tiegħu u ħalliet il-kawża għad-debita surroga;

Rat is-surroga tas-6 ta’ Marzu, 2014[2], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa kostitwita;

Rat ir-Risposta mressqa waqt is-smigħ tas-7 ta’ April, 2014, mill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar imsejjaħ fil-kawża li biha laqa’ għat-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi billi qal li ma jeżistux ir-rekwiżiti meħtieġa biex issir ir-ritrattazzjoni taħt iż-żewġ kawżali msemmija minnhom;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fit-28 ta’ Ġunju, 2013;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta’ Mejju, 2014;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 44 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni
[2] Paġ. 48 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni ta’ smigħ ta’ appell wara sentenza (aktar ’il quddiem imsejħa “s-sentenza”) mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha laqgħet l-appelli interposti mill-konvenuti Salvu Schembri u l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ippjanar (ġja’ l-Awtorita’ tal-Ippjanar) billi, filwaqt li ħassret u irrevokat is-sentenza appellata minnhom mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta’ Ottubru, 2009, għaddiet biex “tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi”. L-atturi ritrattandi ħassew li hemm lok għar-ritrattazzjoni ta’ l-imsemmi appell in bażi għal dak kontemplat fil-paragrafi (e) u (i) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għall-azzjoni ta’ ritrattazzjoni mibdija mir-rikorrenti l-intimati ritrattati kollha laqgħu billi saħqu li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba biex din il-Qorti tħassar is-sentenza u terġa’ tisma’ l-appell mill-ġdid, u dan taħt l-ebda waħda miż-żewġ kawżali li jistrieħu fuqhom l-istess atturi ritrattandi;

Illi għall-aħjar intendiment tal-ġudizzju odjern sejra tinġieb fis-sħiħ is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Ġunju, 2013, li fiha hemm inkorporata s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta’ Ottubru, 2009;

Illi s-sentenza tgħid hekk: “Rat iċ-ċitazzjoni li ppreżentaw l-atturi fis-27 ta’ Novembru, 2001, u li taqra hekk:

“Billi l-atturi huma l-proprjetarji ta’ l-appartament numru 4 f’numru 116, Tower Road, Sliema.

“Billi fil-15 ta’ Jannar 1999, Salvu Schembri, il-proprjetarju ta’ Sliema Chalet Hotel f’Tower Road, Sliema, ippreżenta applikazzjoni numru PA 0231/99 għal “*extension of existing hotel (change of use of two apartments)*”.

“Billi fl-10 ta’ Awissu 1999 il-Kummissjoni għall-Kontroll ta’ l-Iżvilupp ħareġ ‘*Refusal*’.

"Billi fis-16 ta' Novembru 1999 l-attur ippreżenta 'Objection' lid-Direttur ta' l-Ippjanar permezz tal-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro.

"Billi fl-1 ta' Diċembru 1999 l-attur talab permezz tal-Perit Samut-Tagliaferro biex ikun preżenti meta ssir ir-'*Reconsideration*'.

"Billi fil-25 ta' Frar 2000 id-Direttur ta' l-Ippjanar informa lill-attur u lill-Perit tiegħu illi: "*Your request to be present when the DCC considers the above application has been received and noted. I am writing to advise you that the proposal has been included on the agenda for the meeting of ..*'"

"Billi fl-14 ta' Marzu 2000 id-Direttur ta' l-Ippjanar reġa' bagħat avviż ta' smiegħ ieħor lill-Perit ta' l-attur.

"Billi fis-6 ta' April 2000 ir-'*Refusal*' ġie kkonfermat mill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp.

"Billi fl-4 ta' Mejju 2000 ġie ppreżentat Appell mill-Perit Brian Ebejer għan-nom ta' l-imsemmi Salvu Schembri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

"Billi fit-22 ta' Mejju 2000, l-istess Salvu Schembri, il-proprjetarju tas-Sliema Chalet Hotel, ippreżenta applikazzjoni oħra PA 02730/00 "*Division of two flats into four apartments at second and third floor levels*".

"Billi fit-30 ta' Ġunju 2000 l-attur ippreżenta '*Objection*' lid-Direttur ta' l-Ippjanar permezz tal-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro.

"Billi b'ittra tal-25 ta' Jannar 2001 id-Direttur ta' l-Ippjanar informa lill-Perit ta' l-attur: "*We enclose for your information a copy of the decision notice relating to the development application on which you made representations*." Kien hemm annessa magħha kopja tal-permess datat 23 ta' Jannar 2001 għal żvilupp fuq l-applikazzjoni numru PA 02730/00, b'dana pero' illi "1. *The apartments are not to be interconnected with the adjacent hotel, namely, Sliema Chalet, or to be used for tourism purposes*".

"Billi l-Appell konċernanti l-applikazzjoni numru PA 0231/99 ippreżentat lill-iżviluppatur fl-4 ta' Mejju 2000 ġie ttrattat mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-seduti tal-14 ta' Lulju 2000, 10 ta' Novembru 2000, 9 ta' Frar

2001 u ġie deċiż fit-8 ta' Ġunju 2001, li qatt ma ġiet notifikata lill-attur jew lill-perit tiegħu.

"Billi għall-ebda waħda minn dawn is-seduti ma ġie avżat l-attur jew il-Perit tiegħu minkejja t-talba magħmula espressament biex huma jkunu avżati sabiex jattendu ħalli jsostnu l-oġġezzjoni tagħhom kif kienu għamlu quddiem id-Development Control Commission, liema talba kienet ġiet milqugħa mid-Direttur ta' l-Ippjanar, kif fuq ingħad. B'hekk il-Bord ta' l-Appell naqas li jagħti opportunita' xierqa lill-'*Objector*' biex isostni l-oġġezzjonijiet tiegħu għall-iżvilupp propost.

"Billi dan jikkostitwixxi vjolazzjoni palesi tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali sempliċi iżda fondamentali "*audi alteram partem*".

"Billi b'deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2001 il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddeċieda kif ġej: "Illi l-Bord huwa propens li jilqa' l-appell suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin: a) minflok li l-bieb li jagħti għall-*common areas* tal-blokk li jmiss mas-Sliema Chalet Hotel jingħalaq, għandu jsir '*emergency exit*' li tkun tikkonsisti f'bieb li jiftaħ minn ġewwa biss ħalli f'każ ta' emerġenza r-residenti tal-Hotel jkunu jistgħu joħorġu minn dan il-bieb; b) japplikaw ukoll il-paragrafi 1 sa 7 fl-appell tal-Perit Brian Ebejer a fol. 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni. Il-Perit Ebejer għandu jirrevedi l-pjanti fi żmien xahar mil-lum biex jikkonformaw ma' paragrafu (a) ta' din id-deċiżjoni u wara għandu jinħareġ il-permess relattiv suġġett għall-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija u dawk *standard*. Il-pjanti li qed jiġu approvati huma dawk riveduti skond din id-deċiżjoni."

"Billi din id-deċiżjoni ma fiha l-ebda raġunijiet jew motivazzjoni skond il-liġi għala l-appell qed jiġi milqugħ u d-deċiżjoni oriġinali qed tiġi mibdula, u għalhekk għandha tiġi dikjarata nulla konformament ma' dak li ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell f'diversi sentenzi tagħha.

"Billi b'ittra ta' l-1 ta' Awissu 2001 id-Direttur ta' l-Ippjanar informa lill-Perit ta' l-attur: "*We enclose for your information a copy of the decision notice relating to the development application on which you made representations*."

"Kien hemm annessa magħha kopja tal-permess maħruġ mid-data tat-23 ta' Lulju 2001 fuq l-istess applikazzjoni numru PA 02730/00.

"Billi l-imsemmi permess ta' l-iżvilupp inħareġ "*saving third party rights*".

"Billi l-iżvilupp propost jilledi serjament it-"*third party rights*" in kwantu jġib miegħu it-telf jew preġudizzju notevoli tal-"*privacy*" ta' l-attur u l-familja tiegħu.

"Jgħidu l-konvenuti għaliex, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti m'għandhiex:

1. "Tiddikjara illi n-nuqqas tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li jibgħat avviż ta' smiegħ ta' l-appell lill-attur u lill-perit tiegħu – wara l-'*Objection*' li ġiet ippreżentata kif espressament mitlub minnhom biex ikunu avżati bid-dati tas-seduti, liema talba ġiet aċċettata mid-Direttur ta' l-Ippjanar – jikkostitwixxi vjolazzjoni palesi tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali "*audi alteram partem*", u għalhekk tiddikjara nulli dawn il-proċeduri.

2. "Tiddikjara wkoll null u bla effett id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2001 minhabba li ma fiha l-ebda raġunijiet jew motivazzjoni skond il-liġi għala l-appell qed jiġi milqugħ u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp qed tiġi mibdula, u dan konformament ma' dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell f'diversi sentenzi tagħha.

3. "Tiddikjara inoltre illi d-deċiżjoni msemmija tat-8 ta' Ġunju 2001 u l-permess relattiv (PA 00231/99) maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar fit-23 ta' Lulju 2001 jammontaw għal vjolazzjoni tar-'*raison d'etre*' ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ta' *Structure Plan Policy BEN 1* li hu fondamentali għall-kwistjonijiet dwar l-iżvilupp u għalhekk tiddikjarahom nulli u bla effett, billi kif ġie ddikjarat fid-DPA Report relattiv: "*The overall aim of the Planning Authority is to safeguard the quality of the amenity of the residents living within the same block and this should not be jeopardised by the permission of undesirable development, which is developed with impacts that cannot be mitigated'. The proposed conversion of the apartments would be of detriment to the other*

*residents living in the block since the other residents would lose their privacy, thus running counter to Structure Plan Policy BEN 1.*"

4. "Tiddikjara illi l-permess maħruġ fit-23 ta' Lulju 2001 "*saving third party rights*" jivvjola serjament id-drittijiet ta' l-atturi in kwantu l-estensjoni tas-Sliema Chalet Hotel għal ġewwa l-blokk fejn jabitaw huma ser tikkawża storbju u inkonvenjent persistenti mill-'*guests*' tal-lukanda lejl u nhar, bit-*television* f'kull kamra, u dan billi proprjeta' purament kummerċjali (lukanda) ser tiġi '*interconnected*' ma' bini residenzjali ta' natura permanenti, u inoltre l-valur ta' l-appartament li huwa xtraw f'Tower Road ser jonqos drastikament minħabba dan l-iżvilupp, u dan kollu qed jippreġudika l-istat ta' saħħa ta' l-attur u speċjalment ta' martu li diġa' qed tbati minn trawma u '*stress*', u għalhekk tiddikjara l-imsemmi permess null u bla effett.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-atti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut Salvu Schembri ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2001, kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

"B'riserva ta' kull azzjoni oħra, inkluża azzjoni għad-danni."

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvu Schembri li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"1. Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti illi tiddeċiedi din il-kawża.

"2. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-atturi.

"3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għaż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari, l-proċedura stabbilita mill-Att Dwar l-Ippjanar Dwar l-Ipproċessar ta' Applikazzjoni għal Żvilupp quddiem id-Development Control Commission (DCC) kif ukoll quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ġiet segwita u għaldaqstant l-premessi tal-atturi m'humiex veritieri u talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

"4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante illi meta l-atturi ndenjaw ruħhom illi huma jew il-perit tagħhom jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom verbalment jew bil-

kitba dawn saru u ttiehdet kunsiderazzjoni tagħhom. Kien nuqqas tal-atturi illi naqsu illi jkomplu jsegwu l-applikazzjoni u sussegwenti appell ta’ l-eċċipjent quddiem il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar kif faċilment setgħu jagħmlu mingħajr oppożizzjoni minn ħadd. Għaldaqstant ma jistgħux issa f’dan l-istadju jargumentaw illi kien hemm ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* għaliex kieku komplew juru interess f’oġġezzjoni tagħhom setgħu faċilment jattendu għas-smiegħ tal-appell in kwistjoni u jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom.

“5. Illi t-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda wkoll stante illi sabiex il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar wasal għad-deċiżjoni tiegħu huwa sema’ u kkunsidra l-pożizzjonijiet ippreżentati mill-partijiet kif ukoll kkunsidra l-oġġezzjonijiet tal-atturi ppreżentati mill-perit tagħhom quddiem id-DCC u kkunsidra l-*policies* tal-Pjan tal-Istruttura u a bażi ta’ dawn wasal għad-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta’ Ġunju 2001.

“6. Illi t-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda wkoll stante illi din it-talba hija bbażata fuq kwistjonijiet purament ta’ żvilupp u ppjanar u din il-Qorti m’hijiex l-awtorita’ kompetenti sabiex tiddeċiedi materji bħal dawn.

“7. Illi għall-istess raġunijiet tal-paragrafu preċedenti ir-raba’ talba għandha tiġi miċħuda stante illi din it-talba tittratta wkoll materja purament ta’ żvilupp u ppjanar li ċertament din il-Qorti mhix kompetenti illi tidħol fihom.

“8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba din il-Qorti tilqa’ t-talbiet attriċi, l-eċċipjent ma għandux jeħel spejjeż ta’ din il-kawża stante illi se mai hija l-konvenuta l-oħra f’din il-kawża li hija responsabbli għal dak li qed jallegaw li ġralhom l-atturi u l-mandat ta’ inibizzjoni li ssir referenza għalih fiċ-ċitazzjoni kien ġie miċħud minn din il-Qorti.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-awtorita` konvenuta, l-Awtorita` tal-Ippjanar, li in forza tagħha eċċepiet:

“1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni fuq il-materja stante li dak li qiegħed jiġi attakkat huwa l-operat u d-deċiżjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, liema bord m’huwiex meqjus

bħala “awtorita’ pubblika” a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi m’għandhomx l-interess ġuridiku neċessarju biex jinterponu din il-kawża fil-konfront tal-eċċipjenti Awtorita’ tal-Ippjanar;

“3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel, it-tieni, u r-raba’ talba attriċi m’humiex u qatt ma jistgħu jkunu diretti kontra l-eċċipjenti Awtorita’ ta’ l-Ippjanar stante illi:

“a. Li l-istess awtorita’ hija għal kollox indipendenti mill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar li dwar l-operat tiegħu qiegħed isir l-ilment dedott fl-ewwel żewġ talbiet; u

“b. Ir-raba’ talba hija purament kwistjoni ta’ natura ċivili bejn l-atturi u l-applikant konvenut Salvu Schembri, liema kwistjoni l-istess awtorita’ eċċipjenti tissalvagwardja billi nħareġ permess “*saving third party rights*”;

“4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni fuq il-materja dedotta fit-tielet talba attriċi u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12;

“5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba attriċi, hekk kif dedotta, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-raġuni li fuqha hija bbażata l-istess talba, u ċioe’ dik id-deċiżjoni tammonta għall-vjolazzjoni tar-*raison d’etre* tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, m’hijiex waħda mir-raġunijiet li taħtha jista’ jiġi ssindikat l-operat ta’ awtorita’ pubblika a tenur ta’ l-istess artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“6. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba, hekk kif dedotta, hija daqstant ieħor infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess awtorita’ eċċipjenti kienet qiegħda tiddefendi l-pożizzjoni tagħha quddiem l-istess Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar, liema pożizzjoni kienet proprju dik ta’ rifjut li jinħareġ il-permess mertu tal-vertenza odjerna;

“7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-ewwel u t-tieni talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

“a. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar bl-ebda mod ma vvjola l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-proċeduri tal-appell mertu tal-vertenza odjerna;

“b. Id-deċiżjoni meħuda mill-istess Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar hija valida.

“8. Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat li b’digriet tas-27 ta’ Settembru, 2002, gie kjamat fil-kawża l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar li, pero`, naqas li jressaq nota ta’ eċċezzjonijiet għat-talbiet attriċi;

“Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta’ Ottubru, 2009, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

“ “.....filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti (eċċetto s-seba’ eċċezzjoni tal-konvenut u t-tielet eċċezzjoni ittra B tal-Awtorita’ konvenuta), tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet attriċi, u kwindi tiddikjara nulla s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta’ Ġunju 2001; tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba minħabba l-premess; tiċħad ir-raba’ talba, salv kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi; l-ispejjeż għandhom jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mill-Awtorita’ konvenuta u kwart mill-atturi iżda l-konvenut Schembri għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.”

“Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti

konsiderazzjonijiet:

"Illi qabel il-Qorti ma tidħol fil-kwistjonijiet legali li jirrigwardjaw din il-kawża tajjeb li tirriassumi l-fatti li taw lok għaliha.

"Il-konvenut Schembri applika biex jinħariġlu permess għal estensjoni ta' lukanda tas-Sliema u l-Kummissjoni tal-Kontroll tal-Iżvilupp tal-awtorita' konvenuta rrifjutat din it-talba f'Awissu 1999. Huwa rreġistra oġġeżzjoni ai termini tal-Att relattiv u l-attur permezz tal-Perit Samut-Tagliaferro talab li jkun preżenti biex joġġezzjona għall-ħruġ tal-permess. Fil-fatt huwa attenda għas-smiegħ tal-appell quddiem l-hekk imsejjaħ DCC (l-istess kummissjoni msemmija) li kkonfermat ir-rifjut tagħha fis-6 ta' April 2000. F'Mejju 2000 il-konvenut permezz tal-perit tiegħu appella quddiem il-Bord tal-Appelli ta' l-istess awtorita'. U dan ġie deċiż fit-8 ta' Ġunju 2001 mingħajr ma' l-attur ġie notifikat bis-smiegħ tiegħu. Il-kontent tad-deċiżjoni tal-Bord hija riprodotta kollha fiċ-ċitazzjoni tal-attur.

"F'Lulju 2001 il-perit tal-attur ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Bord u għandu jingħad illi ġie wkoll approvat permess għal applikazzjoni oħra tal-konvenut li huwa għamel fit-22 ta' Mejju tas-sena 2000. Din kienet biex huwa jaqsam żewġ appartamenti f'erbgħa sakemm dawn l-appartamenti ma jkunux annessi mal-lukanda u ma jintużawx għal skopjiet ta' turiżmu.

"L-attur qed jattakka kemm is-sentenza tal-Bord tal-Appell u kemm il-ħruġ tal-permess fuq it-tieni applikazzjoni. Fir-rigward tal-ewwel applikazzjoni huwa qed jgħid illi l-Bord tal-Appell ċaħadlu smiegħ xieraq għaliex lanqas biss informah bil-proċeduri in kwistjoni u wkoll għaliex id-deċiżjoni m'hijiex motivata. Jgħid ukoll li d-deċiżjoni tmur kontra l-istess *ragion d'essere* tal-Awtorita'. Finalment jikkontesta t-tieni permess għaliex dan ivvjola serjament id-dritt tiegħu u qed tikkawżalu storbju u nkonvenjenti mill-persuni li jkunu *guests* fil-lukanda billi l-lukanda se tiġi konnessa ma' bini residenzjali.

"PROVI

"L-attur ippreżenta affidavit a fol 49 tal-proċess li fih tista' tgħid irrepeta dak li hu kontenut fiċ-ċitazzjoni u n-nota ġuramentata tiegħu. Jirrepeti li qatt ma ġie nfurmat bis-seduti quddiem il-Bord tal-Appell. Fir-rigward tat-tieni permess jgħid li dan ikkawżalu preġudizzju. Bintu Gabriella Arcidiacono kkonfermat li taħt l-appartamenti tagħhom u fejn kienet tgħix ommhom kien ikun hemm storbju ġej mill-kmamar okkupati mill-mistednin tal-lukanda.

"Il-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro xehed a fol 77 fejn qal li hu ġie nkarigat mill-attur fir-rigward tal-applikazzjonijiet in kwistjoni. Il-konvenut xtara żewġ appartamenti u ried iniffidhom mal-lukanda. Naturalment dawn huma fl-istess korp ta' bini tal-proprjeta' tal-attur. Huwa kkonferma li kienu preżenti għaliex talbu biex ikunu fid-deliberazzjonijiet tad-DCC illi finalment ċaħad it-talba tal-konvenut. F'Mejju 2000 il-konvenut għamel applikazzjoni ġdida fejn talab illi jaqsam żewġ flats f'erbgħa. Huma oġġezzjonaw iżda f'Jannar 2001 il-MEPA aċċettat purche' ma jkunx hemm konnessjoni mal-lukanda. Quddiem il-Bord tal-Appell pero' qatt ma dehru għax ma ġewx infurmati bis-seduti. Ir-riżultat aħħari kien li l-konvenut seta' jiftaħ bieb ta' emerġenza fil-lukanda li jagħti direttament għal ġol-korp ta' appartamenti in kwistjoni.

"Dr Anton Grech illi huwa psikjatra qal li l-attriċi għandha problemi psikjatriċi u huwa mportanti li jkollha rqad regolari, xi ħaġa li jkunu difficli għaliha bl-użu tal-appartamenti in kwistjoni għal skopijiet turistiċi.

"Ivor Robinich uffiċjal tal-Awtorita' konvenuta kkonferma tista' tgħid dak li ġia' ingħad u qal ukoll li huwa ma għandux x'jaqsam mal-proċeduri tal-Bord tal-Appell għaliex dak dipartiment għalih. Charles Schembri Segretarju tal-Bord qal pero' li biex l-*objector* ikun informat bis-smiegħ tal-appell huwa għandu jinforma lill-istess Bord.

"L-Awtorita' ddikjarat illi ma kellhiex provi xi tressaq iżda l-konvenut ipproduċa bħala xhud lill-Avukat Dottor Kevin Aquilina u xehed huwa stess. Dr Aquilina li kien *Chairman* tal-Bord tal-Appelli in kwistjoni qal li l-Bord qatt ma kien infurmat li kien hemm xi terzi nvoluti fil-każ u kwindi kien għalhekk li qatt ma nformaw lill-atturi li setgħu jitolbu jkunu preżenti għas-seduti quddiem il-Bord. Skond hu, il-MEPA f'każ ta' appell tinforma lill-partjiet interessati jixtiequx ikunu preżenti billi tintbagħtilhom formola u jekk huma juru dan l-interess jiġu nformati bis-seduti. Din il-proċedura mhix stabbilita bil-liġi iżda skond skeda tal-Att in kwistjoni il-Bord għandu s-setgħa jirregola l-proċedura tiegħu. Dan kien ġie konfermat anke minn sentenza tal-Qorti tal-Appell (esebita fol 194). Kontro-eżaminat, qal li quddiem il-Bord ma jkollhomx il-*file* tad-DCC bħala tali u għalhekk ma jkunux jafu jekk ikun hemm xi *objector*.

"Il-konvenut xehed illi huwa xtara żewġ *flats* u talab biex jamalgamahom mal-lukanda u wara li l-permess ġie rifjutat huwa appella u

rebaħ l-appell. Għalhekk għamilhom mal-lukanda. Qal li dawn issa huma parti mil-lukanda iżda biex jidħlu ġo fihom jużaw il-bieb prinċipali tal-lukanda u mhux tal-blokk ta' appartamenti ħlief f'każ ta' emerġenza (*fire escape*). Kontro-eżaminat qal li kien biss l-attur li oppona għaliex is-sidien tal-appartamenti l-oħra qatt ma kellu problema magħhom.

"KWISTJONIJIET LEGALI

"Il-konvenuti t-tnejn issollevaw eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti biex tiddeċiedi din il-kawża anke jekk il-konvenut Schembri sempliċement irrefera għall-kompetenza. Fil-fatt jidher li fil-bidu tal-kawża kien hemm il-ħsieb li din tiġi deċiża l-ewwel u anke ġew preżentati noti ta' sottomissjonijiet fir-rigward iżda bil-bdil tal-ġudikanti din intesiet u tressqu l-provi fuq il-mertu tal-każ.

"Din il-Qorti diversi drabi rriteniet li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' kawżi kontra awtoritajiet pubbliċi speċjalment meta jiġu nvokati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew id-dettami tal-ġustizzja naturali. Dan allura ġie konkrettiżżat fl-artikolu 469A tal-Kap 12. Din l-istess Qorti ftit xhur ilu (fil-kawżi "**Buttiġieg vs Prim Ministru**", "**Gatt**

**vs Prim Ministru"** u "**Portelli vs Prim Ministru**" deċiżi fis-27 ta' April 2009) irripetiet dan il-kunċett anke fil-konfront ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li *ut sic* hija protetta mill-iskrutinju tal-Qrati u dan anke skond sentenzi preċedenti ("**Perit Vincent Galea vs**

**Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**" deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar 1985). L-argument tal-konvenuti illi l-Bord tal-Appelli mhux awtorita' skond l-artikolu 469 A ma jikkonvinċix il-Qorti għaliex kif sewwa rritenew l-atturi, l-artikolu in kwistjoni tinkludi taħt id-definizzjoni ta' awtorita' kull korp maħluq kostitwit mil-liġi. F'kull każ il-Qorti kif ġia' ingħad tħoss li għandha teżerċita l-poter tagħha jekk jiġi allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-ġustizzja naturali minn kull tribunal maħluq bil-liġi.

"Wieħed minn dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa dak li jkollu smigħ xieraq minn Tribunal imparzjali u dan isib ruħu f'forma oħra fil-prinċipju tal-ġustizzja naturali hekk imsejjaħ *audi alteram partem* fis-sens li

wieħed ma jistax jimmaġina smiegħ xieraq mingħajr l-opportunita' li jsemma' leħnu f'dawk il-proċeduri. Dan huwa kif ġia' ingħad wieħed mill-prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali. *The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be*

*put to stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all the bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual*. ("**L' Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec – 1953**" riportat fil-manwal "***The Application of the European Convention Human Rigħts" – J E S Fawcett*** paġna 148).

"Il-Qorti tħoss li dan il-prinċipju ġie nfrant mill-Awtorita' konvenuta meta naqset li tinforma lill-atturi bis-seduti quddiem il-Bord tal-Appelli. Wieħed m'għandux jippretendi illi fil-proċeduri preċedenti l-Awtorita' għandha toħroġ fit-toroq tfittex il-partijiet interessati iżda meta l-process imur quddiem il-Bord tal-Appelli kostitwit bl-istess liġi li waqqfitha, hija għandha tara li dawk il-partijiet li wrew interess jipparteċipaw quddiem il-proceduri ta' qabel għandhom ikunu nformati bis-seduti. M'hemm ebda dubju li b'dan in-nuqqas l-atturi ġew preġudikati konsiderevolment tant illi l-Bord lanqas biss kien jaf li kien hemm xi oġġezzjonijiet għall-ħruġ tal-permess – xi ħaġa illi żgur seta' jkollu effett fuq id-deċiżjoni tagħha. L-Awtorita' ma tistax tistaħba wara l-Bord u tgħid li m'għandha x'taqsam xejn miegħu għal żewġ raġunijiet; il-Bord għalkemm kostitwit independentement minnha huwa parti mill-istruttura tal-istess awtorita' u kif qal Dr. Aquilina kien jispetta lill-awtorita' nnifisha li tinforma lill-partijiet interessati jekk xtaqux jattendu għas-seduti. Dan l-Awtorita' m'għamlitux u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi annullata.

"Lanqas l-argument tal-konvenut li l-atturi messhom ħadu ħsieb isegwu l-proċeduri ma treġi. Kien dover ta l-Awtorita' li tinformahom u ħadd ma għandu jistenna li ċ-ċittadin għandu joqgħod imur fl-uffiċini tagħha biex issegwi l-proċedura tal-ħruġ ta' permess ta' ħaddieħor.

"Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku huwa ċar li l-atturi għandhom dan l-interess għaliex il-ħruġ tal-permess in kwistjoni seta'

jinħolqilhom inkonvenjent konsiderevoli. Il-Qorti pero' ma tħossx li d-deprezzament tal-proprjeta' tal-atturi għandha tkun konsiderazzjoni għaliex ħadd ma jista' jippretendi li ma jsirx żvilupp fid-dintorn tal-proprjeta' tiegħu sempliċement għaliex b'dak l-iżvilupp il-proprjeta' tiegħu se tinżel fil-prezz.

"Il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha għalfejn tindaga ulterjorment fir-rigward tal-ewwel tlett talbiet attriċi għaliex in-nuqqas tal-awtorita' li tinformahom bis-smiegħ tal-appell twassal fil-fehma tagħha għall-annullament ta' dik iddeċiżjoni. Fil-verita' l-akkoljiment ta' l-ewwel żewġ talbiet irendu inutili t-tielet talba, li għalhekk il-Qorti se tastjeni minnha.

"Fir-rigward tar-raba' u l-aħħar talba pero' l-Qorti ma tistax tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni sempliċement għaliex l-atturi ma jaqblux magħha *purche'* għal raġunijiet li jistgħu ikunu validi. Il-kwistjoni ta' jekk permess jinħariġx tibqa' l-mansjoni unika tal-Awtorita konvenuta u l-Qorti tista' tannulla biss għar-raġunijiet ġia' msemmija. Madankollu dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jdejjaq lill-atturi fit-tgawdija tal-proprjeta' tiegħu bil-permessi b'kollox. Il-permess *ut sic*, ippermetta lill-konvenut jagħmel dak l-iżvilupp u l-Qorti mhux se tindaħal f'dak l-aspett. L-Awtorita' konvenuta kważi lanqas għandha għalfejn tikkwalifika l-permessi li toħroġ bil-frażi *saving third party rights* għaliex il-permessi amministrattivi qatt ma jistgħu jeżentaw lill-persuna li favurha jinħareġ il-permess biex b'xi mod ma jħallix lil ħaddieħor igawdi l-proprjeta' tiegħu billi jdejqu bi ħsejjes, irjieħat (*sic*), jikkawża periklu jew b'xi mod ieħor. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Emanuel Mifsud et vs Victor Camilleri**" fil-15 ta' Diċembru 2004 fejn il-Qorti spjegat kif l-użu tal-proprjeta' għandha ssir b'mod li ma tippreġudikax l-użu tal-proprjeta' ta' ħaddieħor. L-atturi għalhekk għandhom miżuri oħra legali x'jistgħu jieħdu fir-rigward iżda ma jistgħux jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq din il-bażi."

"Rat li minn din is-sentenza appellaw separatament it-tlett konvenuti li talbu, għar-raġunijiet premessi minn kull wieħed minnhom, li din il-Qorti għandha tvarja d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet ir-raba' talba attriċi u laqghet is-seba' eċċezzjoni tal-esponent u t-tielet eċċezzjoni ittra B tal-Awtorita` tal-

Ippjanar konvenuta, tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni fejn l-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-esponenti, b'hekk tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

"Rat li għal dawn it-tlett appelli, l-atturi ressqu tlett risposti li fihom, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha, f'kull każ, tiċħad l-appell interpost, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

"Rat li mar-risposta tal-appell li ressqu l-atturi għall-appell tal-konvenut Salvu Schembri, l-atturi ressqu appell inċidentali, li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha: "..... tiċħad l-appell prinċipali ta' l-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom u tilqa' dan l-appell inċidentali u konsegwentament tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata tas-26 ta' Ottubru, 2009 fl-ismijiet "Boris u Carina konjuġi Arcidiacono v. Salvu Schembri; Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar u b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2002 ġie kjamat in kawża l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar" billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi, u kwindi iddikkjarat nulla s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar ta' nhar it-8 ta' Gunju, 2001, "1. tħassarha u tirrevokaha in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba u minflok tilqa' dik it-talba; u "2. tħassarha u tirrevokaha in kwantu ċaħdet ir-raba' talba u minflok tilqa' l-istess talba; u "3. tħassarha u tirrevokaha in kwantu iddeċidiet illi l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mill-Awtorita` konvenuta u kwart mill-atturi iżda l-konvenut Schembri jħallas l-ispejjeż tiegħu u minflok tikkundanna lill-konvenuti appellanti u lill-kjamat in kawża jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża in solidum bejniethom;"

"Rat li l-appell tal-kjamat fil-kawża l-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar ġie minn din il-Qorti dikjarat deżert fis-6 ta' Novembru, 2012;

"Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

"Ikkonsidrat:

"Jirriżulta li l-konvenut Salvu Schembri kien talab lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex din toħroġlu permess għal estensjoni ta' lukanda li għandu f'tas-Sliema. L-attur talab li jintervjeni u ġie meqjus bħala "*registered objector*". It-talba tal-konvenut ġiet miċħuda mill-Awtorita`, u l-istess baqgħet hekk miċħuda anke wara rikonsiderazzjoni. L-attur, megħjun mill-perit ta' fiduċja tiegħu, attenda għas-smiegħ tal-applikazzjoni.

"Wara dan ir-rifjut, il-konvenut ressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli. L-attur ma ġiex avzat la bl-appell u lanqas bil-jum tas-smigħ. Il-Bord tal-Appell iddeċieda l-każ fit-8 ta' Gunju, 2011, u approva l-ħruġ tal-permess. L-atturi issa qed jattakkaw is-sentenza tal-Bord tal-Appelli u l-ħruġ tal-permess fuq il-kawżali li, bħala persuni interessati fil-materja, ma ġewx mogħtija smigħ mill-istess Bord tal-Appelli.

"L-ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi a bażi tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali, *audi alteram partem*.

"Il-konvenuti, kif ingħad, appellaw mis-sentenza, bl-aggravju li terz interessat mhux "parti" fil-proċeduri quddiem l-Awtorita`, u l-liġi, f'kull każ, tforni proċedura li għandha tiġi segwita minn terz li jrid jintervjeni quddiem il-Bord tal-Appelli, liema proċedura ma ġietx segwita mill-atturi f'dan il-każ.

"Din il-Qorti tibda biex tenfasiżża l-importanza tal-prinċipju *audi alteram partem*, prinċipju li jrid jiġi segwit minn kull awtorita` jew tribunal li jrid jiddeċiedi fil-kuntest tad-drittijiet ta' xi parti. F'dan il-każ, pero`, l-attur qatt ma kien parti fil-proċeduri rigwardanti din l-applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorita` kompetenti. L-attur kien biss "*objector*" li bl-ebda mod ma jagħtih l-istatus ta' parti f'dawn il-proceduri. L-istatus tal-attur jista' jitqies li hu ta' intervenut *in status et terminis* li, a differenza mill-kjamat fil-kawża, ma jagħtix stat ta' parti fil-kawża (ara **Psaila v. Biggerstaff**, deċiża minn din il-Qorti, fis-7 ta' Novembru, 1988). Intqal, fil-fatt, li min jintervjeni f'kawża mhux meħtieġ li jiġi reġistrat f'okkju tal-kawża għax mhux parti fl-istess; lanqas, bħala regola, ma jiġi liberat jew ikkundannat fil-meritu (ara Kollez. Vol. XLVII.1.271) u lanqas ma jiġi kkundannat għall-ispejjeż tal-kawża, u ma għandu ebda dritt awtomatiku li jressaq appell, u dan dejjem għax ma hux parti (ara **Żammit v. Formosa**, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju 1948).

"Skont il-liġi speċjali, meta terza persuna tkun trid tkun preżenti waqt is-smigħ ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, dik it-terza persuna trid tinforma lill-Bord b'dik it-talba tagħha u s-segretarju tal-Bord tal-Appell jinforma lil dik it-terza persuna permezz ta' formola apożita li tintuża għal dan il-għan bid-data u bil-ħin tas-smigħ tal-appell. It-terza persuna, pero`, trid hi issegwi l-proċess. Hi taf, jew għandha tkun taf, li min iħoss ruħu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar, għandu dritt li jappella, u bħala terz irid hu jsegwi biex jara ġiex intavolat jew le appell. Il-Bord tal-Appell ma jistax jitqies li jikser id-dritt ta' smigħ xieraq ta' persuna li ma tkunx parti fil-proċeduri quddiemu. L-atturi qatt ma kienu parti mill-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u dan peress illi huma ma indikawx, kif trid il-liġi, l-interess tagħhom quddiem dak il-Bord. Huma kienu għal kollox stranġieri għal dawk il-proċeduri, u b'hekk bl-ebda mod ma jistgħu jikkontendu li huma b'xi mod ġew ipprivati minn xi dritt proċedurali li huma jallegaw li seta' kellhom quddiem il-Bord.

“Din il-Qorti ma taqbilx, *in generalibus*, mas-sottomissjoni tal-atturi li l-prinċipji ta’ ġustizzja naturali ma japplikawx biss u strettament għal min huwa parti minn proċeduri, “*iżda għal kull min jista’ jiġi avversament milqut minn deċiżjoni ta’ awtorita` pubblika*”. Din l-asserzjoni hija wiesgħa wisq u titfa’ obbligu fuq l-awtorita` li tfittex u tindaga hi min jista’ jkun “avversament milqut” mid-decizjoni tagħha; kieku kellha hekk taġixxi, l-awtorita` pubblika tispiċċa kważi f’impossibbilita` li tiddeċiedi u dan sakemm tikkuntattja lil min jista’ jkun milqut mid-deċiżjoni tagħha. Il-liġi tirrikonoxxi li min jista’ jkun “avversament milqut”, jista’ jkollu interess isemma’ leħnu f’każ ta’ applikazzjoni għall-iżvilupp, iżda trid li min ikun hekk interessat irid <u>hu stess</u> jirreġistra l-interess tiegħu. Għalkemm l-attur ġie reġistrat bħala “*objector*” quddiem l-Awtorita` dwar l-Ippjanar, dan ma jagħtih ebda status quddiem il-Bord tal-Appell għax dan il-Bord ma huwiex parti mill-istruttura tal-istess Awtorita`. Il-Bord tal-Appell ma għandu ebda obbligu impost fuqu mil-liġi illi jgħarraf jew jinnotifika lil xi “*objector*” b’rikors tal-appell interpost quddiemu minn applikant. Huwa l-istess terz li jrid isegwi l-iter proċesswali tal-applikazzjoni li fiha hu kien ressaq oġġezzjoni.

“Din il-kwistjoni ġiet hekk ukoll deċiża minn din il-Qorti, Sede inferjuri, fil-kawza **Rizzo v. Kummissjoni għal Kontroll tal-Iżvilupp**, deċiża fl-10 ta’ Dicembru, 2008. F’dik is-sentenza intqal hekk a propożitu:

“*Illi in effetti mill-Kap. 356 jirriżulta li skont l-Artikolu 32 (5) persuna interessata tista’ tagħmel oġġezzjonijiet għall-iżvilupp bil-miktub u dan fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni ta’ avvżż f’gażżetta lokali skont l-Artikolu 32 (4) tal-istess Kap. Meta ssir din l-oġġezzjoni dan jintitola lil din it-terza persuna interessata sabiex tagħmel appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-ippjanar skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 (1) (d) tal-Kap. 356.*

“*Illi din il-Qorti tifhem li meta tali terza persuna interessata u hawn imsemmija tippreżenta hija stess appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar anke skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 356 tkun trid issir in-notifika lill-partijiet fil-każ dwar l-ewwel laqgħa u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 (4) tal-Kap. 356. Iżda altrimenti ma hemm ebda disposizzjoni oħra fl-istess liġi li tipprovdi*

*għan-notifika ta' third party objector f'każ ta' appell mill-applikant jew mill-Awtorita`.*

*"Illi min-naħa l-oħra l-applikant jista' jagħmel dejjem appell lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar inkluż skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap. 356 iżda l-istess liġi bl-ebda mod ma tipprovdi li b'dan l-appell għandha tkun notifikata terza persuna li tkun għamlet oġġezzjonijiet skont id-disposizzjonijiet tal-liġi fuq riferiti, u fil-verita` l-istess appellant odjern bl-ebda mod ma indika xi disposizzjoni tal-liġi fejn dan huwa rikjest li jsir ad validitatem, b'dan għalhekk li huwa fl-interess ta' tali persuna interessata li ssegwi l-istess andament u proċess tal-applikazzjoni u f'każ li tħoss li għad għandha interess tintervjeni fl-istess proċess, anke quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u anke quddiem din il-Qorti, kif fil-fatt qed isir f'dan l-appell medesimu.*

*"Illi għalhekk din il-Qorti tħoss li la darba ma hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jipprovdi li terza persuna interessata għandha tiġi notifikata bi proċedura tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, allura din il-Qorti ma tistax tiddikjara tali proċedura quddiem l-istess Bord bħala nulla għaliex fil-fatt l-ebda disposizzjoni tal-liġi ma ġiet miksura, jew b'xi mod ma ġietx osservata jew mill-Bord, jew mill-Awtorita`, jew mill-applikant."*

"Din hi l-liġi applikabbli għall-materja, u fil-waqt li partijiet f'każ huma mħarsa bil-prinċipju ta' ġustizzja naturali, u dan oltre l-provvedimenti tal-liġi, mhux l-istess jista' jingħad fil-konfront ta' terz li, għalkemm jista' jkun milqut ħażin b'deċiżjoni tal-Awtorita` pubblika, irid l-ewwel nett jirreġistra l-interess tiegħu kif u fit-termini li trid il-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Vassallo v. Bondin**, deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2001, il-prinċipju *audi alteram partem* jobbliga lil dak li jkun "*illi ssegwi ad unguem ir-regoli proċedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk mogħtija*

*mill-ġudikant għall-aħjar prosegwiment tal-proċess. Jekk wieħed jagħżel li jinjora dawn ir-regoli jagħmel dan a riskju tieghu*".

"La darba din il-Qorti se tasal għall-konklużjoni li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, mhux meħtieġ li din il-Qorti teżamina l-appell inċidentali tal-istess atturi li qed jiġi wkoll, ovvjament, miċħud.

"Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Salvu Schembri u tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ġia` Awtorita` tal-Ippjanar, billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2009, u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

"L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi appellati, ħlief dawk marbuta mal-appell tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar li għandhom jitħallsu minnu stess."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

Illi bil-proċedura tal-lum, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu t-tħassir tal-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2013, u s-smigħ mill-ġdid tal-appelli mressqa mill-appellant u mill-Awtorita' appellanti (fil-11 ta' Novembru, 2009) kontra s-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2009, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ta' min iżid jgħid li r-rikorrenti ritrattandi kienu ressqu wkoll appell inċidentali mat-Tweġiba tagħhom għall-appell tal-Awtorita' appellanti u dan biex jitolbu r-riforma tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad safejn din kienet astjeniet jew ma kinitx laqgħet it-talbiet tagħhom u kif ukoll mill-kap tal-ispejjeż;

Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[3]. Huwa risaput li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-prinċipju li sentenza li għaddiet f'ġudikat għandha l-forza ta' liġi bejn il-partijiet. Għalhekk, il-każijiet li fihom jista' jingħata, kif kontemplat speċifikatament mil-liġi, għandhom jiġu interpretati ristrettivament[4];

Illi sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[5];

---

[3] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***
[4] App. Ċiv. Ċiv. **20.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Valletta vs Tanti*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.84**) u App. Ċiv. **9.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Żammit vs Carmelo Dingli*** fost oħrajn
[5] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)

Illi wara li l-Qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet sejra tgħaddi biex tqis iż-żewġ kawżali li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom. Kif ingħad qabel, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, r-rikorrenti jistrieħu fuq żewġ kawżali: jiġifieri (i) l-applikazzjoni tal-liġi l-ħażina fis-sentenza minnhom attakkata u (ii) li fis-sentenza hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin. Fi kliem ieħor, huma jsejsu l-aggravji tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 811(e) u 811(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti sejra tistħarreġ dawn iż-żewġ kawżali fl-ordni ta' hawn fuq;

Illi, **dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi** (Art. 811(e) tal-Kap 12), l-atturi ritrattandi jserrħu l-ewwel bażi tagħhom għar-ritrattazzjoni fuq l-allegazzjoni li fis-sentenza attakkata din il-Qorti applikat liġi ħażina għall-fatti tal-każ, meta fil-konsiderazzjonijiet tagħha li fuqhom waslet għall-konklużjoni dwar il-proċedura li kellu jsegwi l-attur ritrattand bħala terz interessat fi proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, tirreferi għal 'liġi speċjali' mingħajr ma tindika liema kienet din il-liġi li l-Qorti ssemmi. Huma jsostnu li ma teżisti ebda liġi speċjali li tirregola n-notifika tar-rikorrenti bħala terzi interessati quddiem l-istess Bord u għalhekk jgħidu li kellu jiġi applikat l-artikolu 469A tal-Kap 12;

Illi in tema legali jingħad li l-ġurisprudenza interpretattiva identifikat is-segwenti prinċipji relatati mal-paragrafu (e) tal-artikolu preċitat: "*... biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat dispożizzjoni tal-liġi flok dispożizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. ... Jekk jirriżulta li s-sentenza mpunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-sub-inċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. ... Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti fis-sentenza*

*mpunjata applikat il-liġi ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin*"[6];

Illi biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi mħaddma liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[7], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[8];

---

[6] App. Kumm. **3.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et noe vs Abela et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.93**) u App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**) fost oħrajn
[7] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[8] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, §1043

Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[9]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, *"falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria"*[10];

Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina tagħha. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita' tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[11];

Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qiegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[12]. Jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[13] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

---

9 Merċieca *Ibid*, Kap 6, paġ. 126
10 Borsari Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato (1872), f'§ 648
11 App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
12 App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn
13 App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ li issa għandha quddiemha, il-Qorti tosserva li ma huwiex minnu li fis-sentenza attakkata din il-Qorti naqset milli tirreferi għal liġi speċjali li fuqha kienet ibbażat il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni tagħha. Minn qari ta' dik is-sentenza jirriżulta ċar li l-Qorti kienet qed tibbaża lkonsiderazzjonijiet tagħha fuq dak li jiddisponi l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 356 li jagħti l-fakolta' ta' appell lil persuna li tkun ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli. F'dik l-istess sentenza wieħed isib riferenzi u t-tħaddim tal-prinċipju identifikat mill-ġurisprudenza dwar il-proċedura li kellha ssegwi parti interessata sabiex tintervjeni f'dawk il-proċeduri quddiem il-Bord, u din il-Qorti qieset lil dan it-terż bħala intervenut fil-kawża, u japplikaw għalih ir-regoli proċedurali skond il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dan kollu jfisser li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu r-rikorrenti ritrattandi, mhux talli s-sentenza attakkata ma tinbeniex fuq dispożizzjoni ta' liġi li tabilħaqq teżisti u li kienet il-liġi t-tajba li, fiċ-ċirkostanzi, kellha titħaddem, talli din il-Qorti żżid tgħid li għandha dubji kbar kemm setgħet titħaddem il-liġi li jindikaw l-istess rikorrenti – jiġifieri d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 – ladarba l-azzjoni tagħhom kienet waħda maħsuba biex tattakka u twaqqa' deċiżjoni ta' tribunal jew bord b'setgħat kważi-ġudizzjarji[14];

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li dan l-ilment tar-rikorrenti huwa ġustifikat la fil-fatt u lanqas fid-dritt u mhix sejra tilqa' t-talba tagħhom għat-tħassir tas-sentenza fuq din il-kawżali;

Illi **dwar il-kawżali li fis-sentenza hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin** (Art. 811(i) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jgħidu li s-sentenza attakkata fiha dispożizzjonijiet li jmorru kontra xulxin jew li ma jistgħux joqogħdu flimkien. Huma jgħidu li s-sentenza ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti bla ma qieset l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellanti u meta l-istess appellanti kienu talbu biss ir-riforma tal-istess sentenza u mhux it-tħassir sħiħ tagħha. Huma jgħidu li jekk kemm-il darba din il-Qorti ħassret is-sentenza tal-

[14] Ara App. Ċiv. **18.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Anthony P. Farruġia vs Kummissjoni Elettorali et*** (mhix pubblikata); App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq*** u App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

ewwel grad bla ma ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari dwar jekk kellhiex il-kompetenza biex tisma' l-kawża, titnissel il-kontradizzjoni fiha nfisha tal-istess sentenza għaliex ma setgħetx tagħmel il-waħda bla ma tiddeċiedi wkoll dwar l-oħrajn;

Illi hu paċifikament stabilit li biex jitqies li jeżistu dispożizzjonijiet li jmorru kontra xulxin f'sentenza għall-finijiet tal-artikolu 811(i), irid jintwera li n-nuqqas ta' qbil ikun jirriżulta biss fil-parti dispożittiva tas-sentenza u mhux bejn dik il-parti u l-motivazzjonijiet[15]. Fuq kollox, biex jista' jingħad li fl-istess sentenza jinsabu dispożizzjonijiet kontradittorji ta' xulxin, jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jeliminaw lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu mwettqin kollha[16];

Illi minbarra dan, huwa aċċettat li l-bażi tar-ritrattazzjoni trid tkun dwar dak li ddisponiet is-sentenza u mhux dwar dak li l-qorti tkun argumentat biex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Il-liġi tuża l-kliem "kap" u "kapi" ta' sentenza li jintalab it-tħassir tagħha, u dawn jistgħu biss jinftiehmu bħala l-parti dispożittiva tagħha u mhux ukoll il-parti deliberativa. L-ebda ritrattazzjoni ma tħassar il-"konsiderandi" u l-proċedura ta' ritrattazzjoni ma jmisshiex tintuża għal għan bħal dak;

Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tar-rikorrenti ukoll ma huwiex tajjeb. Ma hemm xejn kontradittorju fil-parti dispożittiva tas-sentenza. L-appelli tal-konvenuti bażati fuq l-aggravju li jikkonċerna d-dritt għal smigħ xieraq, ġie milqugħ u konsegwentement il-Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Illi jiġi rilevat li l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2009, laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba u ċaħdet ir-raba' talba. L-appell mill-konvenuti sar minn dik il-parti tas-sentenza li laqgħet l-ewwel żewġ talbiet

---

[15] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonnici vs Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.137** a fol. 139); App. Ċiv. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Bezzina*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.264**) u App. Ċiv. **19.10.2004** fl-ismijiet ***Paolo Borg et vs Salvu Spiteri*** fost bosta oħrajn
[16] App. Kumm. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauci et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.882**)

liema appell kien ġie eventwalment milqugħ minn din il-Qorti, bir-riżultat li la darba l-ewwel żewġ talbiet ġew miċħuda, allura jirriżulta manifest li l-ebda talba tal-atturi ma ġiet milqugħa. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dak li ngħad aktar qabel, fil-każ in diżamina fejn din il-Qorti ħassret is-sentenza appellata u ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, ma hemm xejn kontradittorju fih innifsu, anzi, tal-aħħar hija konsegwenzjali għal ta' l-ewwel fis-sens li t-tħassir tas-sentenza *in toto* wasslet għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-atturi;

Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma kenitx ċaħdet it-tielet talba iżda biss astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, iżda din l-impreċiżjoni fis-sentenza attakkata ma taħlaqx raġuni għat-tħassir tas-sentenza attakkata mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2013, u dan għaliex il-mertu ta' dik it-talba ma kienx ġie kunsidrat la mill-Ewwel Qorti u lanqas minn din il-Qorti, fid-dawl tar-riżultanzi dwar l-ewwel żewġ talbiet attriċi, u b'dan ir-rikorrenti ma jirriżulta li ġarrbu l-ebda preġudizzju fir-rigward;

Illi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellanti li r-rikorrenti jgħidu li s-sentenza attakkata ma ssemmi xejn dwarhom, irid jingħad li l-fatt li din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, investiet l-istħarriġ tagħha dwar it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, ifisser li hija, bħall-Ewwel Qorti, qieset li kellha l-kompetenza li tistħarreġ il-kwestjoni u li l-istess eċċezzjonijiet ma kinux tajbin. Għalkemm din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, ma għamlet l-ebda dispożizzjoni dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet, il-parti dispożittiva tas-sentenza attakata turi biċ-ċar li hija kienet qiegħda twarrab l-eċċezzjonijiet preliminari kollha tal-appellanti. Id-deċiżjoni fil-mertu ma tmurx kontra dan. Fuq kollox, in-nuqqas ta' tismija ta' xi kap partikolari ma jidhirx li jikkostitwixxi element ta' kontradizzjoni taħt din il-kawżali;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-ilment tar-rikorrenti ritrattandi taħt din il-kawżali jfalli wkoll u t-talba tagħhom mhijiex sejra tintlaqa' lanqas taħt din il-kawżali;

Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti**, bl-ispejjeż kontra tagħhom, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u għas-smigħ tal-appell minnha mill-ġdid.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------